MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 241/2004

**Gilbert Demicoli u martu Vanessa ghal kull interess li jista' jkollha**

**Vs**

**Collis Williams Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Billi l-attur Gilbert Demicoli beda jahdem bhala *whole time delivery man* mas-socjeta' konvenuta fit-2 ta' Ottubru 2001.

U billi f'Mejju/Gunju 2002 l-istess attur gie ordnat mill-konvenut principal tieghu biex igorr u jqandel fuq idejh ghamara, bibien, xkejjer biz-zibel, *wires*, twieqi, *toilet, sink*, kotba, mirja, apparat, pajpijiet u oggetti tqal ohrajn minn sular ghal iehor b'konsegwenza li sofra dizabilita' parmanenti tant serja li kellu jigi operat f'dahru ghal "*slipped disc"* fit-8 ta' Ottubru 2002 skond ma jirrizulta mill-annessi dokumenti li qed jigu markati bhala Dokument A sa Dokument D.

U billi l-attur sofra danni ngenti b'rizultat ta' dan il-korriment fuq il-post tax-xoghol tieghu li sehh minhabba li ma gietx ipprovduta *a safe system of work* u b'negligenza tal-konvenut principal tieghu u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti dwar il-protezzjoni tas-sahha tal-haddiema da parti tas-socjeta' konvenuta, u dana kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

U billi minhabba dan il-korriment li sofra, l-attur ma setghax jidhol fuq il-post tax-xoghol tieghu mis-16 ta' Settembru 2002 u fit-8 ta' April 2003 gie avzat li l-impjieg tieghu gie terminat, skond ma jirrizulta mill-anness dokument D.

U billi s-socjeta' konvenuta giet interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra l-attur izda baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hi responsabbli ghall-korriment li sofra l-attur Gilbert Demicoli;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess attur minhabba dan il-korriment u dana okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Jannar 2003, u tal-ittri bonarji tas-26 ta' Frar 2003, tat-12 ta' Marzu 2003 u tal-15 ta' Mejju 2003, kontra s-socjeta' konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol. 11 tal-process fejn eccepiet:

Illi tichad enfatikament li hija b'xi mod responsabbli ghal allegat korriment ta' l-attur u hija qajla kredibbli li l-attur jghid li sofra dizabilita' permanenti f'dahru f'Settembru 2002 meta fil-fatt ix-xoghlijiet ta' rfigh kienu ilhom li waqfu iktar minn tlett xhur qabel.

Illi in oltre jekk l-attur kellu *pre existing injury* li ma kienetx relatata ma' l-impjieg mas-socjeta' konvenuta u din l-*injury* ma gietx zvelata lill-attur, ghal dan in-nuqqas jahti biss l-istess attur u m'ghandiex tbati l-konsegwenzi relattivi s-socjeta' konvenuta.

Illi minghajr pregudizzju ghal premess u in linea sussidjara, mic-certifikati esebiti mill-istess attur ma jidhirx li hemm xi dizabilita' fizika ta' natura permanenti tant illi Dr. Zrinzo iccertifika ''*post operative recovery was uneventful and mobilisation satisfactory, aided by the physiotherapist''.*

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-degriet a fol 177;

Rat ir-relazzjoni ta' Mr. Norbert Vella;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-partijiet;

**KONTESTAZZJONI**

L-attur qed jikkontendi li hu sofra disabilita' permanenti in segwitu ghal xoghol ta' rfiegh ta' ghamara u oggetti ohra tqal li gie mqabbad jaghmel mill-konvenuti meta huwa kien impjegat maghhom bhala *delivery man*. In segwitu ghal dan ix-xoghol hu beda jbati minn ugiegh qawwi f'dahru u spicca biex gie operat ghal *slip disc*. Ghalkemm skond l-attur, is-socjeta' konvenuta ppurvat titfa' xi htija fuqu u tattribwixxi din id-dizabilita' tieghu mal-waqa' li sehhet madwar erba'/hames snin qabel l-incident in kwistjoni, id-dokumentazzjoni kollha, l-espert mediku u t-tabib li operah, kollha ppruvaw xort'ohra.

Il-konvenuti jissottomettu li qabel sehh l-incident li dwarhu qed jilmenta l-attur, l-attur innifsu kien gja involut f'incident iehor li sehh f'Gunju 1988 meta waqa' gholi ta' 14 il-pied (sular u nofs). Ghalkemm ha l-kura, l-attur baqa' jilmenta minn *persistent low back pain* ghal perjodu twil. Il-konvenuti jghidu wkoll li meta l-attur giet impjegat maghhom, waqt l-*interview*, hu ma semma xejn li kien diga qed ibaghti minn ugigh f'dahru, u kieku s-socjeta' konvenuta giet infurmata b'dan, ma kinitx timpjegah. Minhabba f'hekk is-socjeta' konvenuta tirritjeni li m'ghandhiex tinstab responsabbli, jew almenu, ir-responsabilita' m'ghandhiex iggorrha waheda imma l-attur ghandu almenu jgorr proporzjoni tal-persentagg ta' disabilita'.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur xehed li hu beda jbati minn *slip disc* meta, bejn Mejju u Gunju 2002 hu gie mqabbad mill-konvenuti biex, apparti x-xoghol normali tieghu ta' *delivery man*, jaghmel xoghol ta' tqandil ta' oggetti tqal. Fost l-affarijiet li kien hemm x'jingarru, l-attur isemmi pajpijiet tal-hadid, *wires*, bibien, twieqi, *toilet*, *sink*, u kwantita kbira ta' xkjejjer taz-zibel. B'dawn kellhom jinzlu 4 sulari tarag (li hu tarag dejjaq u jitla garigor) inkluz 3 kuruturi mdaqqsa. Ix-xoghol li gie imqabbad jaghmel ma kienx ta' idejh, ghax xogholu kien ta' *delivery man* u mhux li jgorr l-imbarazz.

Min-naha tal-konvenuti jghidu li x-xoghol li l-attur tqabbad jaghmel kien xoghol li sar ma' grupp ta' nies ohra, impjegati mad-ditta, li ntalbu jizbarrazzaw ufficju li kien qed isservi ta' *store* fejn kien hemm hafna *files*, medicini skaduti u *office furniture* (*computers*, siggijiet u mwejjed). Il-konvenuti kienu qabbdu kuntrattur apposta biex igorr l-affarijiet tqal u gabu *crane* biex inizzlu dawk l-oggetti li ma setghux jinzlu mit-tarag. Kwazi l-impjegati kollha kienu taw sehemhom f'dan il-garr.

Il-konvenuti qed isostnu li wara li kien sar dan ix-xoghol ta' garr, l-attur ma kien semma xejn li kellu xi incident jew li ha skoss u wegga f'dik l-okkazzjoni. Imbaghad f'Settembru hareg bis-*sick leave* (mhux injury *leave*) u ma rritornax ghax-xoghol. Wara l-impieg tieghu gie terminat. Min-naha l-ohra l-attur jghid li dwar l-incident li kellu mas-socjeta' konvenuta hu ma jistax jispecifika data ezatta meta wegga' u dan ghaliex ftit wara li kien gie ordnat igorr dawn l-affarijiet tqal, hu beda jhoss hruq kbir go saqajgh x-xellugija li kompla jaggrava fuq perjodu ta' xhur. Imbaghad fis-16 ta' Settembru 2002 kellu johrog bis-*sick leave* u ma' jergghax jidhol lura. Instab li kellu *slip disc* u gie operat.

Dwar il-kwistjoni ta' l-allegata *pre-existing injury* li kellu l-attur qabel ma gie impjegat mal-konvenuti, l-attur isostni li meta kien sar l-*interview* biex jidhol mal-konvenuti hu kien qal lill Eric Fenech Pace li kellu accident meta sfronda saqaf tahtu u waqa' sular u nofs. Kien qallu li wegga saqajgh pero' ma semma xejn dwar dahru ghax hu ma kellu xejn f'dahru. L-attur jikkontendi li bejn 1998 u 2003 hu ma kien ibati minn ebda *slip disc*, ghax kieku ma kienx ser idum daqshekk bl-ugigh u ma joperawhx. Hu jghid li meta gie mpjegat mal-konvenuti qatt ma ilmenta dwar ugigh f'dahru.

Eric Fenech Pace xehed li matul l-impieg ta' l-attur maghhom hu ma kienx jaf li l-dan kien wegga' f'dahru u sar jaf biss b'dan wara li spicca minn maghhom. Meta kien ghamillu l-*interview* l-attur kien qallu li kien wegga sieq━u qabel. Hu kien staqsih jekk setghax jaghmel it-tip ta'

xoghol li kien diehel ghalih u dan ikkonfermalu li setgha jaghmlu tant li qallu li qabel kien jaghmel l-istess tip ta' xoghol mad-ditta ohra. Il-konvenuti inoltre jsostnu li mic-certifikati li hemm fil-file ta' l-attur, li dwaru xehed Dr. Frank Bartolo, jirrizulta li sa minn Gunju 1998 l-attur kien diga qed ibati minn *persistent lower back pain* u minn 1998 il quddiem baqa' jilmenta dwar ugigh f'dahru. L-attur kien jahdem fil-gebel u kien ibati wkoll minn dahru minhabba f'hekk.

**Il-kwisjtoni li trid tiddeciedi dina l-Qorti ghalhekk hija l-ewwelnett, jekk id-disabilita' li qed isofri l-attur kinitx kagun tax-xoghol ta' garr li l-attur gie mqabbad jaghmel mis-socjeta' konvenuta, u t-tieni jekk kienx hemm xi *pre-existing injury* li pprecipitat din l-*injury* ta' l-attur.**

Importanti ghar-risolviment ta' dawna l-kwistjonijiet huma x-xhieda ta' Mr. Anthony Zrinzo, t-tabib li opera lill-attur, u Mr. Norbert Vella l-espert nominat minn dina l-Qorti.

Mr. Zrinzo xehed li hu opera lill-attur f'Ottubru 2002 ghal *slip disc* bejn l-ahhar rukkell. Id-*disc* kien *sequestered* u din kienet xi haga recenti u mhux ilha ghandu s-snin. Kienet xi haga li grat f'qasir zmien u fil-kaz ta' l-attur kien ghad hemm ix-xaham mad-dawra tan-nervituri li jfisser li kienet xi haga recenti, kwistjoni ta' xhur possibilment anke ftit gimghat.

Dwar il-pre-existing injury, Mr. Zrinzo jghid li s-*sequestered disc* jista' jkun ukoll rizultat ta' *wear and tear* u l-incident precedenti li kellu l-attur jista' jkun li beda l-process biex iwassal ghal dan is-*sequestered disc.* Pero' fil-maggjoranza tal-kazi ta' *wear and tear* ta' *disc* dan jispicca biex jinxef biss u mhux jinqabez il-barra kif gara f'dan il-kaz. Dwar *tenderness* li ssemma li kellu l-attur, din hija problema muskolari, u m'ghandhiex x'taqsam mad-*discs*. Mr. Zrinzo jirrileva li ma tista' tkun zgur qatt u tghid kien dak l-incident li kkawza s-*slip disc*. Hafna jiddependi mill-istorja tal-pazjent. F'dan il-kaz jidher li s-*slip disc* gara minhabba l-incident li gralu f'Mejju.

L-espert nominat minn dina l-Qorti Norbert Vella semma li l-attur kellu kondizzjoni fejn l-gherq tan-nervitura bejn il-hames rukkel lumbari u l-ewwel rukkel sakrali nghafas minn disk prolassat. Ighid li hafna drabi d-disk jiddegenera minhabba rfigh goff u piz zejjed jista' jikkontribwixxi wkoll. Fil-kas ta' l-attur jidher li hu ilu jbati b'dahru mill-1998. Hu jghid li jista' jaghti l-kaz illi l-waqa' li kellu dik is-sena hi rilevanti ukoll. Semma wkoll li l-ezami radjografiku tas-sinsla lumbari fl-Lulju 2000 diga kien juri djuq fl-ispazju bejn il-hames rukkel lumbari u l-ewwel rukkel sakrali. Nonostante dana l-espert jghid li meta l-attur beda jattendi l-*outpatients* ta' l-Ortopedija, hu ma kellu ebda *deficit* newrologiku kagjonat mill-waqa' precedenti. F'dak l-istadju, il-problema kienet ghada wahda muskolari.

Meta l-espert gie eskuzz hu qal li persuna tikber, dejjem ikun hemm degenerazzjoni fid-disks bejn l-irkikel u aktar ma terfa pizijiet aktar hemm cans li jkollok degenerazzjoni accellerata, u aktar ukoll jekk ikollokx piz. Fil-kaz ta' l-attur, hu jghid li dan kellu *predisposition* u l-affarijiet ipprecipitaw ruhhom meta l-attur beda jahdem bhala *delivery man.* L-espert jghid li l-istorja medika ta' l-attur kienet tkun rilevanti jekk xi hadd ibati b'dahru u ser jahdem bhala *delivery man*.

Mistoqsi "Allura he was aktar predisposed minn haddiehor li ma jbatix b'dahru, li eventwalment ikollu injury?"

Ix-Xhud wiegeb : "Iva". (ara fol 198).

**Tikkunsidra**

Illi mix-xhieda ta' Mr. Zrinzo jirrizulta li, wara li ghamel caveat li qatt ma tista' tkun zgur u tghid li kien incident partikolari li kkawza s-*slip disc* billi hafna jiddependi mill-istorja tal-pazjent, pero' sostna li fil-kaz ta' l-attur jidher li s-*slip disc* grat minhabba l-garr ta' oggetti tqal li l-attur gie mqabbad mis-socjeta' konvenuta f'Mejju/Gunju 2002, u tah l-ispjegazzjoni medika ghaliex setgha jikkonkludi b'dak il-mod. Ta' l-istess hsieb kien l-espert Norbert Vella, li spjega li d-*deficit* newrologiku li kellu l-attur kien kawzat minhabba x-xoghol li gie imqabbad jaghmel l-attur

f'Mejju/Gunju 2002 u mhux minhabba l-incident precedenti.

Min ihaddem ghandu jadopera l-mezzi kollha mehtiega biex jara li ma jigrux incidenti lill-impjegati tieghu waqt ix-xoghol. Min-naha l-ohra l-istess impjegat ghandu jevita incidenti li jistghu jwasslu ghall-korriment tieghu jew minhabba nuqqas da parti tieghu jikkontribwixxi ghal-cirkostanzi li jisghtu jwasslu ghall dan il-korriment.

L-attur kien impjegat bhala *delivery man* mal-konvenuti u x-xoghol ta' garr ta' oggetti tqal li gie mqabbad jaghmel ma kienx parti mix-xoghol tieghu.  Ghalkemm jirrizulta li l-konvenuti kellhom kuntrattur li gie imqabbad biex jaghmel xoghol ta' garr u anke ingabet *crane*, pero' jirrizulta li l-impjegati tal-konvenuti, fosthom l-attur, gew imgieghelha jaghmlu xoghol li huma ma kienux jinqalghu ghalih u lanqas ma kienu gew addestrati ghalhekk.

L-istorja kollha pero' ma tispiccax hemm, billi ma giex eskluz mit-tobba li l-attur, minhabba accident precedenti, kien qed ibati minn ugigh li seta jipprecipta dak li gara f'Settembru 2002 u ghalhekk l-attur kellux certa predisposizzjoni, li kieku l-konvenuti kienu jafu biha, ma kienux jimpjegawh fl-ewwel lok.  Din il-predisposizzjoni ma gietx eskluza miz-zewg tobba, kif jirrizulta mix-xhieda taghhom. Din ma kinitx predisposizzjoni li ghandu kull persuna li tkun qed tikber imma fil-kaz partikolari ta' l-attur diga kien hemm progress fid-deterjorazzjoni ta' l-irkiekel minhabba t-tip ta' xoghol li kien jaghmel qabel (fil-gebel) u minhabba l-incident li kellu qabel dak in kwistjoni meta waqa sular u nofs.

Fil-fehma tal-Qorti l-konvenuti irnexxilhom jippruvaw bix-xhieda li giet prodotta, (ara specjalment ix-xhieda ta' Dr. Frank Bartolo li xehed fuq il-file ta' l-attur), li minhabba l-incident li kellu l-attur, meta waqa gholi ta' sular u nofs, hu beda ibati, apparti minn saqjagh anke minn dahru u dana l-ugigh baqa' jippersisti wara s-sena 1998, tant li mid-dokumenti jirrizulta li f'Lulju 2000 l-attur kien inghata parir biex jiehu hsieb darhu. Pero' meta l-attur gie biex jimpjega ruhhu mal-konvenuti hu ma hassx li kellu jinfurmahom li

kellu problemi b'dahru (ara fol 142) ghax skond hu, kien qed ibati biss minn siequ u mhux minn dahru. Hu pprezenta *certifcate* (ara fol 213) li kien *healthy and fit for work* u ma kellux *chronic illnesses.*

Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, specjalment ix-xhieda tat-tobba, u l-*medical history sheet* ta' l-attur, tasal ghall-konkluzzjoni li l-*injury* precedenti li kellu l-attur kien fatt materjali li kellu jigi zvelat lill-konvenuti qabel ma dawn jimpjegawh. Jidher li bil-*predispostion* li kellu l-attur, kieku l-konvenuti gew infurmati biha, jew ma kienux jimpjegawh xejn, jew ma kienux iqabbduh jaghmel ix-xoghol li tqabbad jaghmel f'Mejju/Gunju 2002. Ghalhekk l-attur ghandu jgorr parti mir-responsabilita' ghall-incident li fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami l-Qorti tqies li ghandha tkun ta' terz tar-responsabilita'.

**Persentagg ta' dizabilita'**

L-espert nominat minn dina l-Qorti, jghid li wara kwazi tlett snin mill-operazzjoni jidher li l-attur lahaq il-quccata ta' miljorament. Fl-opinjoni tieghu minhabba l-fatt illi l-attur wegga dahru bir-rizultat li d-disk ipprolassa u qaraslu l-gherq S1 fuq ix-xellug huwa kellu bzonn intervent newrokirurgiku biex din l-ghafsa titnehha. Wara l-operazzjoni hafna mill ilmenti ta' l-attur marru u minkejja li hafna mis-sintomi relatati man-naha t'isfel ta' dahru marru xorta l-attur ghandu jiehu 11% bhala dizabilita'.

**Damnum emergens.**

Bhala *damnum emergens* l-attur qed jitlob is-somma ta' Lm200 u ma jidhirx li dina s-somma giet kontestata.

**Lucrum Cessans**

L-attur xehed li f'Settembru 2002 il-paga tieghu kienet ta' Lm321.50 *gross* fix-xahar u f'Ottubru 2002 kellha tkun ta' Lm331.50 u biz-zieda, Lm338. Oltre dan hemm il-*bonus*.

Il-Qorti sejra tiehu bhala paga gross ta' l-attur biex taghmel tajjeb ghal kwalunkwe ziediet fil-perjodu li fuqu

ser jinhadem it-telf ta' qliegh, is-somma ta' Lm380 fix-xahar.

Il-partijiet mhux qed jaqblu dwar kif ghandu jinhadem il-*multiplier*. Meta gara l-incident l-attur kellu 24 sena u ghalhekk, skond l-attur, ghandhu japplika multiplier ta' 41 sena. Il-konvenuti jissottomettu li l-*multiplier* ghandu jkun ta' bejn 20 u 25 sena.

Illi n-numru ta' snin adottat bhala *multiplier* m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u li pero' ghandhom ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni ic-*chances and changes* tal-hajja. Fil-hajja, hadd m'ghandhu assikurazzjoni ta' xoghol, u ta' xoghol sa' eta' pensjonabbili.

Ghalhekk konsidrat il-fatt li l-eta' tal-pensjoni tista' fil-futur ssir 65 sena u konsidrati l-avvanzi fil-kamp tal-medicina, imma fl-istess hin meta jittiehdu in konsiderazzjoni c-*chances* u *changes* fil-hajja, l-Qorti hi tal-fehma li l-*multiplier* f'dan il-kaz ghandu jkun ta' 35 sena.

L-attur issottometta li fil-kaz in ezami m'ghandux ikun hemm tnaqqis ta' 20% minhabba *lump sum payment* u dana stante li ghaddew erba' snin min meta sehh l-incident. Il-konvenuti jirritjenu li hu minnu li ghaddew erba' snin minn meta gara l-incident imma d-dewmien ma kienx tort tas-socjeta' konvenuta. Ghalkemm l-incident sehh fit-2002 l-kawza giet prezentata sentejn wara. Ghalhekk it-tnaqqis ghandu jkun, skond il-konvenut ta' 16% jew vicin ta' tali persentagg.

Illi dwar il-*lump sum* jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe.**" (P.A. (JSP) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 1995) intqal:

*"Fir-rigward tar-riduzzjoni ghall-'lump sum payment' il-Qorti, fl-iskorta ta' decizjonijiet ohra moghtija minnha kif presjeduta, jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghall-'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin*

*mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perijodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".*

Fil-kaz in ezami l-incident gara fit-2002 u l-kawza giet prezentata fit 2004, u ser tinghata sentenza fl-ewwel istanza kwazi tlett snin wara. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li ghandu jsir tnaqqis ta' 14%.

4560 (380 x 12) x 35 x 11 x 14 = Lm 15098.16
100

L-attur irid ibati 1/3 ta' Lm15,098.16 = Ghandu jircievi Lm10, 065.44

**Riepilogu**

| | |
|---|---|
| Damnum Emergens | Lm 200.00 |
| Lucrum Cessans | Lm10,065.44 |
| **Total** | **Lm10,265.44** |

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u
Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hi responsabbli, kwantu ghall zewg terzi, ghall-korriment ta' l-attur Gilbert Demicoli;
tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' ghaxart elef mitejn u hamsa u sittin lira Maltin erbgha u erbghin centezmi (**Lm10,265.44);**
tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata.
Bl-ispejjez kwantu ghal terz ghall attur u zewg terzi ghal-konvenuti
u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------